**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, sebgħa (7) ta' Mejju 2024

Kawża Nru 273/2023

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bernard Charles Spiteri)**

Vs

**Noel Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Noel Cutajar**, iben Carmelo u Maria nee' Debono, imwieled fl-għoxrin (20) ta' Diċembru 1979 u resident 94, "L-Għarix", Triq Xandriku, Nadur, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 780(G) fejn huwa ġie akkużat li nhar l-għaxra (10) ta' Marzu 2023 għall-ħabta tas-sitta neqsin għaxra ta' filgħaxija (17:50hrs) fi Triq Sir Pawlu Boffa kantuniera ma' Triq il-31 ta' Marzu 1979, Rabat, Għawdex:

(1) saq il-vettura ta' għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni HBW987 b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont;

(2) b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna offiża ta' ġrieħi gravi fuq il-persuna ta' Joseph Theuma u dan kif iċċertifika Dr. Paul Zammit, mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali (u cioe' li ġabet il-konsegwenzi msemmija taħt l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali);

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skont l-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, lill-parte civile u lid-difiża jiddikjaraw fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa

dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet lill-akkużat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-każ jikkonċerna inċident stradali li seħħ fi Triq Sir Pawlu Boffa kantuniera ma Triq il-31 ta' Marzu 1979. Il-kwerelant Joseph Theuma kien qed isuq il-mutur tiegħu bin-numru tar-reġistrazzjoni FCV 573 fi Triq Sir Pawlu Boffa, Rabat, Għawdex. F'ħin minnhom vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HBW 987 misjuqa minn Noel Cutajar ħarġet minn Triq 31 ta' Marzu 1979 għal Triq Sir Pawlu Boffa u seħħet il-kolliżżjoni bejn il-mutur u l-vettura. Per konsegwenza tal-imsemmi inċident, Theuma sofra feriti ta' natura gravi u iddaħħal l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għall-kura.

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>**

Fl-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-akkużat fil-ġurnata u l-ħin indikati saq il-vettura tiegħu b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont. It-tlett (3) tipi ta' sewqan kontemplati fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 għalkemm kollha jattiraw sanzjonijiet penali ma jistgħux jitpoġġew fl-istess keffa u waħda tista' tgħid li hija aktar gravi mill-oħra. Ta' importanza hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[1] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali spjegat b'mod ċar id-distinzjoni bejn dawn it-tlett (3) tipi ta' sewqan. Il-Qorti qalet li:

> *"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat.*
>
> ***Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux*

[1] Deċiża fis-6 ta' Mejju 1997 u Riportata f'Volum LXXXI.iv.57.

*jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.*

***Sewqan perikoluż*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż l-ħin u l-lokalita' tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain****, Appell Kriminali, 21/5/96)."*

Il-klassifikazzjoni ta' sewqan bħala negliġenti, bla kont jew perikoluż hija kwistjoni purament ta' *"degree"*. Infatti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Gellel** intqal:

*"... kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluż hi kwestjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul vs Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol vs Wilson*** *(Vol. XXXIX.iv.1018) u* ***Pul. Vs Alfred Vella*** *(Vol. XLIV, p 933)) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' tagħhom (App. Krim.* ***Pul vs Hardingham****, 19.10.1963).*

*Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul vs Charles Farrugia*** *(Vol. XXXIX.iv.978)). 'Recklessness' ġiet definita bħala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul vs Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul vs Antonio Spiteri*** *(Vol. XLIV.iv.892))."*[2]

Il-Qorti eżaminat fid-dettal l-atti, partikolarment ix-xhieda mogħtija mill-partijiet li kienu direttament involuti fl-inċident *de quo*. Il-vittma Joseph Theuma fil-verzjoni tiegħu li ta lill-Pulizija kemm *a tempo vergine* kif wkoll fix-xhieda li huwa ta fil-kors tal-proċeduri ma tantx jitfa' dawl fuq il-modalita tas-sewqan tal-akkużat. Lanqas ma jagħti dettalji minn fejn kien ġej preċiżament hu (cioe l-vittma), minn fejn daħal għal Triq Sir

[2] Deċiża fid-19 ta' Frar 2004.

Pawlu Boffa u bl-liema velocita kien għaddej. Jgħid biss li hekk kif wasal ħdejn salib it-toroq ħareġ l-akkużat minn fejn il-karozzi ipparkjati u seħħet il-ħabta bejn il-mutur li kien qed isuq hu u l-karozza misjuqa mill-akkużat. Min-naħa tiegħu l-akkużat jgħid li huwa ħareġ minn Triq il-31 ta' Marzu 1979 bil-mod u f'daqqa waħda ħabat miegħu wieħed li kien qed isuq mutur. Fid-deposizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti, Cutajar spjega wkoll kif seħħ l-inċident:

> *"Jiena kelli noħroġ kemm kemm iżjed 'l barra minħabba hemm il-karozzi hemmhekk ipparkjati, li tiġi kemm kemm bit-tyre ta' quddiem 'l barra, u rajt li ma ġie ħadd għal darba, darbtejn, u ħriġt bil-mod u fis-siegħa u l-ħin nisma' "bumm!" xi ħadd daħal ġo fija. U jien ma nistax noħroġ minn hemmhekk u noqgħod inħares in-naħa l-oħra, għax it-triq qiegħda trid tikser mhux bi dritt, trid tikser naqra skuntrat."*[3]

Għalkemm il-Pulizija għamlet skizz tal-inċident sfortunatament dan l-iskizz huwa nieqes minn dettalji fundamentali: ma fihx qisien biex jindikaw bil-preċiż fejn spiċċaw il-vetturi wara li seħħ l-inċident. Lanqas ma ġie indikat bil-preciż l-*ispot of impact*. Dan seta' faċilment jiġi identifikat għax tenut kont li ż-żewġ vetturi ġarrbu ħsarat, żgur li waqa' debris mill-istess vetturi fil-mument li dawn ħabtu l-ewwel darba ma'

[3] Fol. 26 tal-proċess.

xulxin.  Lanqas ma jidher li ittieħdu ritratti dwar kif spiċċaw il-vetturi wara l-inċident.

L-unika indikazzjoni fejn seħħ l-inċident jagħtiha biss l-akkużat li fix-xhieda tiegħu jgħid li sabiex jidħol għat-triq fejn tinsab il-Knisja taċ-Ċawla huwa kien għad baqagħlu biss qama biex jaqbad din it-triq.[4]  Dan allura jindika li l-vettura tal-akkużat kienet ħarġet sewwa fit-triq u ma kinitx għadha qed tixref minn wara l-vetturi ipparkjati.  Dan ikompli jikkorrabora dak li xehed l-akkużat li huwa ħareġ wara li aċċerta ruħu li ma kien ġej ħadd min-naħa tal-lemin tiegħu.  L-akkużat għalhekk kien qiegħed posizzjonat sewwa fit-triq prinċipali.  Tenut kont li Triq Sir Pawlu Boffa hija triq twila u dritta u li tippermetti viżwali fit-tul, ma jistax ikun li l-vittma ma rax li qabel ma huwa wasal għall-inkroċju tat-toroq ġia kienet ħarġet vettura minn dan l-inkroċju.

Il-Qorti mhix konvinta li l-akkużat għamel xi manuvra azzardata sabiex ħareġ għat-triq prinċipali u mingħajr ma qies jekk kienx ġej xi ħadd ieħor min-naħa tal-lemin tiegħu; iżda kif xehed hu, huwa ivverifika li ma kien ġej ħadd u ħareġ.  Din il-Qorti għalhekk ma teskludix li jew ix-xufier tal-mutur kien qed isuq b'veloċita elevata, jew ma kienx attent fis-sewqan tiegħu jew inkella possibilment ma kienx ġej mill-bidu ta' Triq Sir Pawlu Boffa iżda ħareġ min-naħa oħra ta' Triq il-31 ta' Marzu 1979 u sab lill-akkużat ma' wiċċu fit-triq prinċipali.

---

[4] Fol. 27 tal-proċess.  Qama hija bejn 1.29m u 1.88m.

Fuq l-iskorta tal-provi prodotti, il-Qorti għalhekk ma tistax tasal għall-konklużjoni li da parti tal-akkużat kien hemm xi sewqan traskurat, perikoluż u bla kont. Ma jirriżultax li l-akkużat saq b'mod li huwa ġie jaqa' u jqum mir-regolamenti tat-traffiku. Il-Qorti għalhekk ma temminx li tista' tinstab xi ħtija fl-akkużat fl-ewwel imputazzjoni.

- **<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>**

Biex tirriżulta l-offiża kontemplata fit-tieni imputazzjoni huwa fundamentali li tiġi pruvata kondotta negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, u ordnijiet simili. Din trid tkun segwita b'ness ta' kawżalita' mal-akkadut dannuż involontarju. Fi kliem **Antolisei**, irid ikun hemm, *"quel rapporto di causalita' che deve intercedere tra la condotta imprudente o neglgente e l'evento."*[5] Għalkemm mill-provi irriżulta li l-parte civile soffra feriti ta' natura gravi, in-ness ta' kawżalita li jorbot dawn il-feriti ma' xi nuqqas tal-akkużat huwa nieqes kompletament. Kif ġia ġie senjalat minn din il-Qorti aktar kmieni f'din is-sentenza, il-Qorti ma tqisx li kien hemm xi nuqqas ta' xi osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-akkużat. Kif ingħad ma jidhirx li sabiex l-akkużat ħareġ għat-triq prinċipali huwa għamel xi manuvra azzardata mingħajr

[5] Antolisei F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* 14th Edizione (2002), Dott. A. Giuffre Editore (Milano), p 73. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Friggieri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri)

ma ta każ dwar jekk kinux ġejjin vetturi oħra fit-triq min-naħa tal-lemin tiegħu. Tant hu hekk li x'ħin seħħ l-inċident, l-akkużat kien qorob sew biex jidħol fi triq oħra. Għalhekk ma jistax jingħad li s-sewqan tal-akkużat kienet il-kawża prossima tal-inċident u tal-feriti li sofra l-parte civile fuq il-persuna tiegħu per konsegwenza tal-istess inċident. Din it-tieni imputazzjoni għalhekk lanqas ma tirriżulta.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat Noel Cutajar ħati</u>** tal-akkużi li ġew dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement qiegħda għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur